MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 979/1996/1

**J & C Farrugia Ltd.**

**Vs**

**Petrolea Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi d-ditta attrici kienet hadet appalt ta’ xoghol ta’ kostruzzjoni u xoghol iehor relatat, minghand id-ditta konvenuta, fil-fond taghha fil-belt Valletta fi Triq il-Merkanti;

Premess illi l-appalt kien gie negozjat fil-presenza u bl-assistenza tal-Perit Lawrence Gatt fit-13 ta’ Marzu 1995, fejn kienu gew stipulati r-rati applikabbli u kien gie stipulat li kellu jibda jkun hemm hlas ta’ akkonti hekk kif jitlestew partijiet mix-xoghol, u dana skond il-formula uzata mill-Perit Gatt;

Premess illi meta tlesta x-xoghol kollu l-Perit Gatt kejjel u hareg kont skond ir-rati miftehma u d-ditta attrici harget il-kont finali permezz tat-Tax Invoice numru C001.1995 li fiha, skond il-ligi giet inkluza t-taxxa tal-VAT, u talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm11738.42;

Premess illi d-ditta konvenuta hallas biss is-somma ta’ Lm10,207.32, u halliet bilanc dovut ta’ Lm1531.10, li hija t-taxxa tal-VAT minnha dovuta skond il-ligi fuq l-appalt;

Premess illi minkejja  s-sejhiet li saru lid-ditta konvenuta kemm bonarji kif ukoll ufficjali din baqghet inadempjenti fil-hlas tal-bilanc minnha dovut ta’ Lm1531.10;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lid-ditta konvenuta debitrici tad-ditta attrici fis-somma ta’ elf hames mija u wiehed u tletin liri Maltin u ghaxar centezmu (Lm1531.10);

2. Tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas l-istess somma lid-ditta attrici;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tat-22 ta’ Dicembru 1995 u dik ufficjali tas-26 ta’ Dicembru 1995, kontra d-ditta konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess ditta attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta illi fiha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` konvenuta hallset l-ammont kollu dovut lis-socjeta` attrici skond il-kontijiet mahrugin mill-Perit Gatt abbazi tar-rati miftehma fil-kuntratt tat-13 ta’ Marzu 1995, liema rati kienu jinkludu t-taxxa tal-VAT;

U ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta, l-elenku tad-dokumenti u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Jigi rilevat illi ghalkemm sar l-imsemmi elenku tad-dokumenti pero` ma gie pprezentat ebda dokument flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet;

Ezaminat ix-xhieda li tressqu u semghet lil dawk imharrka;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet ipprezentati mid-difensuri;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici kienet hadet appalt minghand is-socjeta` konvenuta biex taghmel xi xoghlijiet fil-hanut gewwa il-Belt Valletta;

Illi meta spicca dan l-appalt, l-ufficju tal-perit inkarigat hareg il-kejlijiet mehtiega u qamet il-kwistjoni jekk fil-prezzijiet hemm indikati kienx inkluz ukoll il-hlas tax-taxxa tal-VAT;

Illi kif gustament issottometta d-difensur tas-socjeta` konvenuta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu "fi kliem iehor ir-rati miftehma bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta fil-kuntratt tat-13 ta' Marzu 1995, kienu jinkludu

l-VAT jew le? Din fi ftit kliem hija l-vertenza li dina l-Onorabbli Qorti ghandha quddiemha.";

Illi Michael Zarb ghas-socjeta` konvenuta jikkonferma illi meta ltaqghu l-ewwel darba Joseph Farrugia kien ipprezentalu lista ta' prezzijiet li ghall-istess Zarb dehru li kienu eccessivi meta paragunati ma' dawk tal-kuntrattur precedenti; ghalkemm huwa pprova jgieghel lis-socjeta` attrici tnaqqas dawk ir-rati ma rnexxilux u allura ffirma l-ftehim esebit. Spjega li ghamel dan peress li kienu sfurzati minhabba li l-kuntrattur precedenti kien waqaf u illi n-negozju tal-hanut kien jirrikjedi illi x-xoghol isir mill-aktar fis;

Illi dwar dan il-ftehim il-konvenut Zarb ikkonferma "li fl-ebda stadju ta' dawn in-negozjati, fl-ebda laqgha u fl-ebda hin qatt ma sar accenn ghat-taxxa tal-VAT. Fl-ebda stadju ma qatt sar diskors dwar il-VAT. Pero` jiena dejjem hsibt li l-prezzijiet kienu jinkludu l-VAT partikolarment ghax kienu sostanzjalment oghla minn prezzijiet ohra.";

Illi minn naha tas-socjeta` attrici, iz-zewg ahwa Farrugia stqarru "dak iz-zmien jiena u hija konna mmexxu l-kumpanija, ma konniex konxji sewwa mill-obbligazzjonijiet legali fuqna u fuq il-konvenut skond din il-ligi (tal-VAT). Niftakar zgur li konna ikkonsidrajna l-kwistjoni dwar it-taxxa tal-VAT u konna ftehmna li l-prezzijiet fl-appalt tat-13 ta' Marzu 1995 kienu kollha minghajr it-taxxa tal-VAT. Din kienet il-prattika dak iz-zmien peress li hafna klijenti kienu jridu hekk.";

Illi oltre dawn, anki Yvonne Farrugia mart l-attur Joseph, li kienet prezenti meta sar l-ewwel inkontru qabel il-ftehim quddiem il-perit stqarret "illi niftakar li mad-ditta konvenuta kien sar l-ewwel kuntatt meta Michael Zarb kien gie jkellimna d-dar. Dan kien is-Sibt wara nofsinhar. Jiena qatt ma kont mort fuq il-post ta' l-appalt pero` niftakar li meta kienu tkellmu d-dar kont tajtu lista tal-prezzijiet tal-kumpanija u konna ghidnilu li dawna kienu bla VAT, fuq formoli ta' l-1994, li taghhom qed nesebixxi kopja. Dana kien fi Frar 1995 u s-Sur Zarb kien baqa' li kellu jara se jaghmel fuq il-VAT.";

Illi l-ftehim gie iffinalizzat quddiem l-assistent tal-Perit Gatt u cioe` quddiem Arthur Calleja li pero` kkonferma li "r-rati mnizzlin huma dawk li kienu ftehmu bejniethom il-partijiet. Huma gew quddiemna bil-prezzijiet miftehma bejniethom u ahna ghamilnilhom fuq il-formola regolari." Huwa zied jghid li "ma l-ebda kliem iehor b'referenza ghall-hlas tal-VAT." Pero` skond ma jidher fid-dokument a fol. 89 tal-process meta l-kumpanija attrici marret biex thallas lill-ufficcju tal-Perit Gatt ghas-servizzi minnu moghtija l-pagament sar fuq Lm10,200 u ghalhekk thallsu s-somma ta' Lm117 li kienet tinkludi Lm15 VAT; din l-ircevuta ggib id-data tas-17 ta' Ottubru 1995 u cioe` l-istess data ta' meta l-ufficcju tal-Perit Gatt hareg il-kontijiet dwar "Works at Petrolea Shop Merchant Street Valletta" a fol. 44 *et seq.* tal-process. Minn dan il-kont jidher li l-ammont tax-xoghol esegwit kien ta' Lm10207; ghalhekk jigi osservat illi l-Perit ikkalkola d-dritt tieghu fuq l-ammont kollu; dana jindika illi l-ammont ta' Lm10207 fil-fehma ta' l-istess Perit f'dak il-mument ma kienetx tinkludi l-hlas tal-VAT fuq liema taxxa, il-Perit ma kellux jzomm id-dritt tieghu;

Illi fil-konsiderazzjoni taghha dwar liema hija l-verzjoni kredibbli, il-Qorti ma tistax ma tosservax it-tigbid li kien hemm bejn il-kontendenti peress li r-rata kkwotati minn Farrugia kienu gholjin meta konfrontati ma' dawk ta' kuntratturi li kienu diga` bdew ix-xoghol, pero` jidher li Farrugia baqa' intransigenti u ma ceda xejn mill-prezzijiet possibilment minhabba l-perikolu tax-xoghol u anki l-urgenza tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma tarax wisq kredibbli l-eventwalita` li f'dawk it-trattativi l-partijiet ma pprovawx isibu xi soluzjoni dwar il-verzjonijiet taghhom u l-hlas tal-VAT li kien ghadu kif gie introdott ftit gimghat qabel;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex tifhem li l-verzjoni tas-socjeta` attrici hija aktar verosimili u cioe` illi meta huma nsistew fuq dawk il-prezzijiet iebsin taghhom certament kienu qeghdin jippretenduhom minghajr il-hlas tal-VAT u ghalhekk huwa kredibbli dak li huma insistew li waqt it-trattativi huma ghamluha cara lill-konvenut illi l-prezzijiet ikkwotati kienu oltre il-hlas tas-somma mitluba mill-VAT;

Illi l-Qorti osservat ukoll li x-xhud Zarb ma kienx wisq preciz fix-xhieda tieghu u anki fil-hlas tal-pagamenti huwa stqarr "Niftakar li x-xoghol kien beda madwar Marzu xi xahrejn wara kien avvicinani s-Sur Farrugia u talabni biex nghaddilu xi haga." Minn naha l-ohra skond ix-xhieda ta' Farrugia "mad-ditta konvenuta bdew isiru l-hlasijiet lilna fil-31 ta' Marzu 1995"; u l-urgenza ta' kif is-socjeta` attrici kienet qed titlob il-flus certament ma timmilitax favur it-tezi ta' Zarb illi damu xahrejn biex talbuh xi haga tal-flus;

Illi l-Qorti anqas tista' tifhem kif Zarb ma ftakarx meta lilu "qed jigi lili suggerit li r-raguni kienet illi jiena ridt inbaxxi l-prezzijiet miftehma"; anqas jidher car ghaliex meta gie mistoqsi jekk barra l-kont mahrug mill-Perit Gatt esebit a fol. 60 kienx ircieva xi kont iehor, hu stqarr "jiena ma niftakarx jekk kienx hareg xi kont iehor". Pero` ftit meta gie rinfaccat bid-dokument a fol. 44 tal-process huwa ddikjara "li ahna konna rcevejna kopja ta' dan id-dokument";

Illi b'dana kollu wahda mill-punti principali li wasslet lill-Qorti ghal din il-konkluzjoni dwar l-apprezzament tal-provi kien id-dokument a fol. 88 tal-process li l-ahwa Farrugia kkonfermaw illi kien dokument li gie ppreparat mill-istess Zarb meta huwa talabhom biex jiffirmawh ma' l-ahhar pagament. Hawn hekk l-atturi qeghdin jikkontendu illi Zarb meta mar biex huwa jtihom l-ahhar pagament huwa kien lestilhom ricevuta proprju fuq *letterhead* ta' l-istess socjeta` attrici u ghadihielhom biex jiffirmawha; nonostante sitwazzjoni hekk cara Zarb xehed "jiena ma niftakarx jekk jiena personalment kontx ipprezentajt il-kont a fol. 88 b'cifra originali lis-Sur Farrugia";

Illi mill-assjem tal-provi l-Qorti tifhem illi meta l-atturi, illi evedentement ma humiex preparati daqs Zarb ghall-problemi legali u amministrattivi talbu dawk il-prezzijiet u insistew fuqhom kienet posizzjoni logika ghalihom illi jinsistu illi dawk il-prezzijiet ikun l-ammont li ser jiehdu f'idejhom u t-taxxa kellha tithallas mill-parti l-ohra;

Illi inoltre din il-posizzjoni tinsab konfermata mill-ircevuta mahruga mill-ufficcju tal-Perit Gatt ghad-drittijiet professjonali tieghu li turi li l-prezzijiet ma kienux jinkludu

l-VAT ghaliex altrimenti l-kont kien ikun inqas minn dak imhallas;

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta li meta l-partijiet ftehmu dwar ir-rati kien hemm ftehim li l-hlas tal-VAT isir separat mill-prezzijiet miftehma u kellu jigi mhallas mis-socjeta` konvenuta.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf hames mija u wiehed u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm1531.10);

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------